



Brussell, 23 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9043/18

LIMITE

VISA 119
MIGR 65
COMIX 261
CODEC 785

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0061 (COD)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill/Kumitat Imħallat (UE- Iżlanda/Norveġja u l-Iżvizzera/Liechtenstein)
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il- Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)

Introduzzjoni

1. Fl-14 ta' Marzu 2018 il-Kummissjoni ressqet proposta leġislattiva li temenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (7173/18).
2. Il-Presidenza Bulgara bdiet l-eżami tat-test fil-korpi preparatorji tal-Kunsill ftit wara. Ħames laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża kienu ddedikati kważi kollha għad-diskussjoni tal-proposta, kif ukoll għadd ta' proposti ta' compromess li tressqu mill-Presidenza¹, li jirriflettu l-kummenti bil-fomm u bil-miktub li saru mid-delegazzjonijiet.
3. Saru dibattiti ta' orjentazzjoni fil-livell politiku, kemm fil-Coreper (28 ta' Marzu 2018) u fl-SCIFA (16 ta' Mejju 2018) biex tingħata gwida lill-Grupp ta' Ħidma msemmi qabel dwar ċerti kwistjonijiet politikament sensittivi.

¹ 7981/18, 8475/18 u 8800/18.

4. Sar progress konsiderevoli taħt il-Presidenza attwali f'ħafna aspetti tekniċi tal-proposta, b'hal fil-livell ta' tariffi tal-viża, xi aspetti mill-arranġamenti tar-rappreżentanza, il-proċeduri u l-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi, id-determinazzjoni tal-Istati Membri kompetenti mill-eżami u d-deċiżjoni dwar applikazzjoni, il-ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu u l-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni.
5. Wieħed mill-elementi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni, jiġifieri r-rabta bejn il-politika dwar il-viżi u r-riammissjoni, għadu pendent f'dan l-istadju u għandha tingħata aktar gwida politika sabiex tinstab soluzzjoni li fuqha jista' jintlaħaq qbil.
6. Il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' mekkaniżmu ġdid sabiex jattiva kondizzjonijiet aktar stretti għall-ipproċessar tal-viżi meta pajjiż terz ma jikkooperax biżżejjed rigward ir-riammissjoni tal-migranti irregolari. Il-proposta għall-kodifikazzjoni ta' tali rabta fil-Kodiċi dwar il-Viżi tirrifletti dibattitu dwar din il-kwistjoni li jmur lura għall-2015 (fil-kuntest tar-riformulazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi) u ssemmiet speċifikament mill-Kunsill ĠAI fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2017.
7. Bħalissa, il-possibbiltà li jiġu adottati miżuri speċifiċi fil-qafas tal-politika dwar il-viżi, f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar il-Viżi, fil-każ ta' nonkooperazzjoni fil-qasam tar-ritorn, teżisti abbażi tal-hekk imsejjaħ "sett ta' strumenti" approvat f'Mejju 2017 mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Assoċjati (9880/17 RESTREINT UE/EU RESTRICTED). L-ewwel każ ta' tnedija bi prova ta' dan il-proċess, il-Bangladesh (fejn eventwalment l-applikazzjoni tal-miżuri dwar il-viża tqieset mhux meħtieġa), wera li l-mekkaniżmu kellu effett preventiv pożittiv.
8. Fil-Coreper, fit-28 ta' Marzu 2018, id-delegazzjonijiet appoġġaw b'mod ġenerali l-prinċipju tal-kodifikazzjoni tar-rabta fi strument legali (jiġifieri l-Kodiċi dwar il-Viżi) b'hal mod kif ikunu żgurati ċ-ċertezza u t-trasparenza legali. Fl-istess ħin, ħafna delegazzjonijiet esprimew xi tħassib rigward żewġ kwistjonijiet fil-proposta tal-Kummissjoni: 1) l-indikaturi li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni tal-livell ta' kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni mal-pajjiżi terzi ma kinux elaborati biżżejjed, u 2) il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ma kienx rifless kif adatt fin-natura politika tad-deċiżjoni li tiġi attivata l-politika dwar il-viżi b'hal element ta' influwenza.

9. Waqt l-eżami tal-proposta fil-livell tekniku, id-delegazzjoni Franċiża u dik Ġermaniża ressqw kontribut (8526/1/18 REV 1) li ssuġġerixxa approċċ alternattiv (jiġifieri li jiżdiedu inċentivi pożittivi), fit-termini kemm ta' kif tintuża l-influwenza tal-viżi biex jinkisbu riżultati aħjar fil-qasam tar-ritorn tal-migranti irregolari kif ukoll tal-funzjonament tal-mekkaniżmu l-ġdid li għandu jiddaħħal fil-Kodiċi dwar il-Viżi.
10. Filwaqt li m'hemmx dubju dwar il-prinċipju tal-kodifikazzjoni, jeħtieġ li jiġu diskussi aktar erba' elementi bil-ħsieb li jintlaħaq kompromess aċċettabbli dwar din id-dispożizzjoni ewlenija tal-proposta: (1) l-approċċ li għandu jiġi segwit (jiġifieri jekk għandhomx jiġu previsti inċentivi negattivi biss jew taħlita ta' inċentivi pożittivi u negattivi), (2) l-indikaturi għall-valutazzjoni tal-grad ta' kooperazzjoni ta' pajjiż terz, (3) il-mekkaniżmu ta' attivazzjoni u (4) il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

L-approċċ

11. Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni tikkonsisti minn influwenza "negattiva", li permezz tagħha japplikaw kondizzjonijiet aktar stretti għall-ipproċessar tal-viżi għaċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li ma jikkooperawx b'mod sodisfaċenti dwar ir-riammissjoni, Franza u l-Ġermanja jippreferu taħlita ta' approċċi pożittivi u approċċi negattivi, li permezz tagħha jingħataw aktar inċentivi fuq il-viżi liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi minn pajjiżi li jikkooperaw, filwaqt li ċ-ċittadini minn pajjiżi li ma jikkooperawx ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn xi wħud mill-faċilitazzjonijiet li jidhru fil-Kodiċi dwar il-Viżi u jintlaqtu minn kondizzjonijiet aktar stretti fl-ipproċessar tal-viżi. Il-prinċipju ewlieni li jirfed il-proposta Franċiża u Ġermaniża huwa li l-politika dwar il-viżi għandha tintuża wkoll bħala għodda pożittiva biex tħeġġeġ lill-pajjiżi terzi jikkooperaw aħjar fil-qasam tar-ritorn u mhux biss bħala għodda ta' kastig li tippenalizzahom f'każ li ma jikkooperawx.

12. Waqt id-diskussjoni li saret fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża (8 ta' Mejju 2018) u fl-SCIFA (16 ta' Mejju 2018), xi delegazzjonijiet irrikonoxxew li approċċ imħallat kellu xi ftit valur miżjud u li, dment li jkun jista' jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn l-inċentivi pożittivi u negattivi, jista' tabilħaqq jarrikkixxi s-sett ta' strumenti li toffri l-politika dwar il-viżi. Madankollu, għadd ta' delegazzjonijiet semmew serje ta' dubji, fejn enfasizzaw li l-faċilitazzjonijiet inklużi fil-Kodiċi dwar il-Viżi diġà jipprevedu inċentivi pożittivi u nnutaw ir-riskju li jiddgħajjef il-valur miżjud tal-Ftehimiet għall-Faċilitazzjoni tal-Viża (li sikwit jiġu ffirmati talli jiġu ffirmati l-ftehimiet ta' riammissjoni), l-effett diskriminatorju lejn il-pajjiżi terzi li magħhom il-problemi tar-ritorn huma irrilevanti jew li dejjem offrew livell tajjeb ta' kooperazzjoni u li ma jidhdux xi faċilitazzjoni, peress li ma seta' jiġi rreġistrat ebda grad ta' kooperazzjoni, id-diffikultà li jiġu rtirati l-"vantaġġi" ladarba jingħataw, il-kumplessità tal-ġestjoni operazzjonali tal-listi differenti u r-riskju ta' piż amministrattiv akbar għall-Istati Membri u l-konsulati tagħhom, kif ukoll l-impatt fuq il-finanzi tal-Istati Membri f'każ li t-tnaqqis fit-tariffi tal-viża jingħata lil għadd kbir ta' pajjiżi terzi.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper/Kunsill mistednin jindikaw liema approċċ ikun preferibbli:

- *l-approċċ tal-inċentivi negattivi, propost mill-Kummissjoni jew*
- *it-taħlita ta' inċentivi pożittivi u negattivi, kif proposta minn Franza u l-Ġermanja.*

L-indikaturi (Artikolu 25a(2))

13. Il-proposta tal-Kummissjoni fiha tliet indikaturi li abbażi tagħhom għandha ssir il-valutazzjoni tal-grad ta' kooperazzjoni minn pajjiż terz:
- a) l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn;
 - b) l-għadd ta' ritorni proprji bħala perċentwali tal-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn li jinħarġu liċ-ċittadini tal-pajjiż terz inkwistjoni;
 - c) l-għadd ta' talbiet ta' riammissjoni aċċettati mill-pajjiż terz bħala perċentwali tal-għadd ta' applikazzjonijiet imressqa quddiemu.

Il-Kummissjoni qieset li l-indikaturi għandhom ikunu kemm jista' jkun oġġettivi u għandhom jikkonċernaw oqsma li għalihom hemm biżżejjed data disponibbli.

14. Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' April 2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Integrazzjoni, il-Migrazzjoni u t-Tkeċċija (Tkeċċija) (li għalih kienu mistiedna l-esperti dwar il-viża) eżamina l-kwistjoni. Diversi delegazzjonijiet qiesu li l-indikaturi addizzjonali għandhom jiġu inklużi, partikolarment rigward il-kooperazzjoni Prattika mogħtija mill-pajjiżi terzi fir-ritorn u r-riammissjoni. Abbażi ta' dan, il-Presidenza ressqet kompromess possibbli lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża tas-7 u t-8 ta' Mejju 2018 (WK 5343/2018). Dan il-kompromess iżid ir-raba' indikatur, li għalih hemm indikat għadd ta' elementi (mhux eżawrjenti):
- d) il-livell ta' kooperazzjoni Prattika fil-qasam tal-kooperazzjoni fir-ritorn fl-istadji differenti tal-proċedura tar-ritorn, bħal:
 - i. l-assistenza li tingħata fl-identifikazzjoni tal-persuni li jirrisjedu illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u fil-ħruġ f'waqtu tad-dokumenti tal-ivvjaġġar;
 - ii. l-aċċettazzjoni tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-UE;
 - iii. l-aċċettazzjoni tat-titjiriet charter;
 - iv. l-aċċettazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ritorn konġunti.
15. Għandu jiġi nnutat li dawn l-indikaturi jikkonċernaw ir-ritorni sfurzati, peress li d-data eżistenti disponibbli fil-livell tal-UE tkopri biss din il-kategorija. Huwa diffiċli li jiġi ddeterminat liema tip ta' kooperazzjoni mistenni jagħti pajjiż terz fil-każ tar-ritorn volontarju.
16. B'kont meħud ukoll tal-fatt li l-suġġeriment ta' kompromess tal-Presidenza huwa mill-biċċa l-kbira mnebbi mil-lista ta' indikaturi li diġà ddaħħlet fl-hekk imsejjaħ "sett ta' strumenti tal-Coreper", huwa rċieva grad tajjeb ta' appoġġ fil-laqgħa msemmija hawn fuq tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper/Kunsill mistednin jikkonfermaw jekk is-suġġeriment ta' kompromess tal-Presidenza (WK 5343/2018) hux aċċettabbli.

Il-mekkaniżmu ta' attivazzjoni (Artikolu 25a (2)(3)(4))

17. L-attivazzjoni tal-mekkaniżmu li jwassal għall-użu tal-influwenza tal-viżi hija element importanti tal-proposta. Fil-fehma tal-Presidenza, huwa għandu, fl-istess ħin, (1) jippermetti reazzjoni malajr f'każ li l-livell ta' kooperazzjoni jmur għall-agħar ħesrem (jew jitjieb, skont it-tweġiba li tingħata għall-ewwel mistoqsija ta' din in-nota), (2) ikun operazzjonali, jiġifieri li għandu jippermetti l-użu proprju tal-mekkaniżmu, waqt li jevita kull imblokk mhux mixtieq, u, fl-istess ħin, (3) jirrifletti n-natura politika tad-deċiżjoni (sensittiva) li għandha tittieħed, waqt li jevita kull awtomatiċità.
18. Fil-proposta tal-Kummissjoni, tista' tiġi attivata deċiżjoni possibbli mill-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' kooperazzjoni minn pajjiż terz partikolari u l-adozzjoni ta' miżuri dwar il-viża (paragrafu 5) permezz ta' żewġ fatturi: il-valutazzjoni (regolari) tal-Kummissjoni tal-livell ta' kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż (paragrafu 2) jew avviż minn Stat Membru (paragrafu 3), li l-Kummissjoni obbligata teżamina fi żmien xahar (paragrafu 4). Huwa mifhum li, f'din l-arkitettura, il-Kummissjoni tibqa' ħielsa tipproponix att ta' implimentazzjoni fil-qafas tal-proċedura ta' komitoloġija, skont il-valutazzjoni tagħha stess tal-avviż mill-Istat(i) Membru/i u l-valutazzjoni regolari tagħha tal-kooperazzjoni tal-pajjiżi terzi fir-riammissjoni abbażi tal-indikaturi rilevanti.
19. Il-kontribut Franċiż u Ġermaniż jissuġġerixxi mekkaniżmu ta' attivazzjoni aktar elaborat - imnebbaħ mill-biċċa kbira mill-hekk imsejjaħ "mekkaniżmu ta' sospensjoni"² - fejn jikber ir-rwol tal-Istati Membri sabiex l-Istati Membri jagħtu gwida politika lill-Kummissjoni dwar l-adeqwatezza li jiġu adottati miżuri dwar il-viża u dwar it-tfassil tagħhom. F'din l-istruttura, minbarra ż-żewġ għażliet ta' attivazzjoni (il-valutazzjoni tal-Kummissjoni stess jew avviż minn Stat Membru) hija ssuġġerita t-tielet għażla: jekk maġġoranza sempliċi ta' Stati Membri tavża bi problema persistenti (jew titjib sostanzjali) lill-Kummissjoni fuq perijodu ta' sena, il-Kummissjoni tkun obbligata tadotta att ta' implimentazzjoni fi żmien tliet xhur, b'kont meħud tad-diskussjoni li saret fil-livell għoli tal-Kunsill.

² Regolament (UE) 2017/371 tal-1 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni), ĠU L 061, 8 ta' Marzu 2017, p. 1.

20. Il-limitu massimu ta' maġġoranza sempliċi tal-Istati Membri biex jiġi attivat il-mekkaniżmu - l-istess bħal fil-mekkaniżmu ta' sospensjoni skont ir-Regolament (KE) 539/2001 - jirrappreżenta "massa kritika" biżżejjed biex tobbliga lill-Kummissjoni tibda l-proċess, b'kont meħud tal-fatt li r-regola klassika tal-votazzjoni mbagħad tiġi applikata għall-adozzjoni ta' kull miżura li tista' tiġi deċiża fl-istadju ta' wara.

B'kont meħud taż-żewġ għażliet ta' hawn fuq, il-Coreper/Kunsill mistednin jindikaw jekk humiex favur li jiżdied il-mekkaniżmu ta' attivazzjoni propost mill-Kummissjoni jew favur il-proposta Franċiża u Ġermaniża, fejn maġġoranza sempliċi tal-Istati Membri tista' tobbliga lill-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni.

Il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet (Artikolu 25a(5))

21. Kemm il-proposta tal-Kummissjoni kif ukoll id-dokument Franċiż u Ġermaniż jistabbilixxu li kull miżura li tolqot liċ-ċittadini (jew kategoriji ta' ċittadini) ta' pajjiż terz tkun adottata permezz ta' att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (iżda bi rwol akbar għall-Istati Membri fid-dokument Franċiż u Ġermaniż meta tagħti avviż maġġoranza sempliċi ta' Stat Membri, permezz ta' diskussjoni preliminari fil-livell tal-Kunsill, li l-Kummissjoni għandha tqis meta tressaq l-att ta' implimentazzjoni). F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnutat li t-test rivedut tal-Presidenza li tressaq quddiem il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viżi (8800/18) żied klawżola ta' ebda opinjoni fl-Artikolu 52(2) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, sabiex meta ma jkunx hemm maġġoranza kwalifikata fil-Kumitat dwar il-Viżi, il-Kummissjoni ma tkunx f'pożizzjoni li tadotta l-att ta' implimentazzjoni.
22. Madankollu, kemm fid-dokument Franċiż u Ġermaniż kif ukoll fid-diskussjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża tat-18 ta' Mejju 2018, l-għażla ta' att ta' implimentazzjoni mill-Kunsill, kif previst mill-Artikolu 291(2) TFUE, ġiet riflessa u spjegata aktar f'dokument tal-Presidenza (9139/18).

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u b'kont meħud tas-sensittività ta' din il-kwistjoni fin-negojati interistituzzjonali li ġejjin dwar dan il-fajl, kif ukoll is-soluzzjonijiet ipprovduti f'mekkaniżmi jixxiebh li jidhru fi strumenti legali oħra, il-Coreper/Kunsill mistednin jikkonfermaw jekk jippreferux:

- *l-għażla ta' att ta' implimentazzjoni mill-Kunsill jew*
- *l-għażla ta' att ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni.*

Konklużjoni

23. Il-Coreper/Kunsill mistednin iwieġbu għall-mistoqsijiet ta' hawn fuq u jagħtu gwida politika għal aktar ħidma, bil-ħsieb li jiġi adottat mandat ta' negozjar dwar il-proposta għal Kodiċi dwar il-Viżi.
-